MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2001

Avvi$Z Numru. 983/2000/1

**Avviz Nru:- 983/00**

**Jimmy Agius**

**vs**

**Carmen Cassar**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf lira Maltija (Lm1000) rapprezentanti valur ta' ghoxrin kambjala li maturaw u skadew rispettivament fil-15 ta' Novembru 1998 (Dok. A), 15 ta' Dicembru 1998 (Dok. B); fil-15 ta' Jannar 1999 (Dok. C); 15 ta' Frar 1999 (Dok. D); 15 ta' Marzu 1999 (Dok. E); 15 ta' April 1999 (Dok. F); 15 ta' Mejju 1999 (Dok. G); 15 ta' Gunju 1999 (Dok. H); fil-15 ta' Lulju 1999 (Dok. I); fil-15 ta' Awissu 1999 (Dok. J); fil-15 ta' Settembru 1999 (Dok. K); fil-15 ta' Ottubru 1999 (Dok.

L); fil-15 ta' Novembru 1999 (Dok. M); fil-15 ta' Dicembru 1999 (Dok. N); fil-15 ta' Jannar 2000 (Dok. O); fil-15 ta' Frar 2000 (Dok. P); fil-15 ta' Marzu 2000 (Dok. Q); fil-15 ta' April 2000 (Dok. R); fil-15 ta' Mejju 2000 (Dok. S) u fil-15 ta' Gunju 2000 (Dok. T) ilkoll debitament accettati u mhux imhallsa u li kopja taghhom hija annessa.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali bit-8 fil-mija (8%) mid-data ta' l-iskadenza ta' kull wahda rispettivament sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuta debitament notifikata ma dehritx biex tikkontesta t-talba attrici, izda lanqas l-attur ma deher f'ebda seduta quddiem din il-Qorti u ma pproduca ebda provi, lanqas ma deher fis-seduta tallum;

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tillibera lill-konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

--------------------------------TMIEM--------------------------------